MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru. 96/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Jason Ghigo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jason Ghigo ta’ 24 sena bin Carmelo u Mary Anne nee’ Cilia, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru 1987 u residenti fi Block 16 E, Numru 1, Triq il-Gendus, Bormla jew f’Numru 140, Point Street, Senglea u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 548087(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Dicembru 2011 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Francis Dimech u ta’ l-HSBC Bank Malta plc;

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni lil Francis Dimech, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, ili dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ cheque book tal-HSBC Bank Malta plc., li jippartjeni lil Francis Dimech, liema serq sar ghad-dannu ta’ l-istess HSBC Bank Malta plc u ta’ Francis Dimech, u ma jaqbizx l-ghaxar Euro.

U b’hekk huwa Jason Ghigo

a. Wettaq reat fi zmien il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza liema sentenza giet moghtija fl-10 ta’ Novembru 2011, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

b. Sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u mma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-10 ta’ Mejju, 2012 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa diga’ hallas lura parti mill-ammont involut lill-vittma u ddikjara li jixtieq ihallas il-bilanc dovut lill-istess vittma fi zmien qasir. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li jidher li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna professjonali sabiex jeghleb problemi li ghandu li jinducuh jikkommetti dawn it-tip ta’ reati li taghhom qed jinstab hati u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28G u 28H tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 261, 17, 49, 50 u 28A sa 28H tal-Kodici

Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba (4) snin millum u inoltre tordna li s-sentenza sospiza tal-10 ta' Novembru, 2011 tigi estiza ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Chantelle Avellino ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lill-HSBC Bank Malta plc is-somma ta' elfejn u ghaxar ewro (€2010.00).

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

Il-Qorti inoltre tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Probation Services.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIZJONI**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 28G TAL-KODICI KRIMINALI)*

**Magistrat: Dr.Audrey Demicoli LL.D**

**Illum: 17 ta' Mejju 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**
**vs**
**Jason Ghigo**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Jason Ghigo** gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizjoni;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;

**Tordna** li l-hati **Jason Ghigo** li joqghod **Block 16E, Numru 1, Triq il-Gnedus, Bormla jew f'Numru 140, Point Street, Senglea**, detentur tal-karta tal-identita' numru **548087M** ikun ghal perjodu ta' **sentejn (2)** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni **Chantelle Avellino** taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-hati jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal sorveljenti inkluzi direttivi dwar il-hbieb li jzomm u l-postijiet li jiffrekwenta kif ukoll, jekk ikun il-kaz, biex il-hati jiehu l-*counselling* li jista' jkun mehtieg dwar ir-reati li dwarhom instab hati u l-vittmi taghhom u lejn il-kriminalita' in generali.

2. Li l-hati jibqa' f'kuntatt ma l-ufficjal sorveljenti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficjal, u li javza lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz tieghu;

3. Li jircievi viziti mill-ufficjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq il-post tax-xoghol tieghu skond id-direttivi ta’ l-istess ufficjal sorveljanti;

4. L-ufficjal sorveljanti ghandhu/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull ……………. xhur/sena dwar l-imgieba tal-hati.

**TORDNA** li kopja ta’ dan l-Ordni jinghata lil hati u lill-ufficjal sorveljenti.

……………………………………
(firma tal-persuna mqeghda
taht supervizjoni)

……………………………………..

D../Registratur
Krim/21/08/R

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------